2) *L-effetti tad-Deċiżjoni 2013/661 huma miżmuma fir-rigward ta' Good Luck Shipping sad-data effettiva tal-annullament tar-Regolament Nru 1154/2013.*

3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti minn Good Luck Shipping.*

---

(1) ĠU C 325, 9.11.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Mejju 2016 – Il-Kummissjoni vs McCarron Poultry**

**(Kawża T-226/14)** (1)

***[“Klawżola ta' arbitraġġ — Il-Ħames Programm Qafas għal attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (1998-2002) — Kuntratt li jikkonċerna l-qasam tal-‘Enerġija, Ambjent u Żvilupp sostenibbli' — Xoljiment ta' kuntratt — Rimbors ta' parti mis-somom antiċipati — Interessi moratorji — Proċedura fil-kontumaċja”]***

(2016/C 243/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Cappelletti u F. Moro, sussegwentement F. Moro, aġenti, assistiti minn R. van der Hout, avukat)

*Konvenuta:* McCarron Poultry Ltd (Killacorn Emyvale, l-Irlanda)

### Suġġett

Rikors ippreżentat skont l-Artikolu 272 TFUE intiż sabiex il-konvenuta tiġi kkundannata sabiex tirrimborsa parti mill-antiċipu mħallas mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-kuntratt NNE5/1999/20229, flimkien mal-interessi moratorji.

### Dispożittiv

1) *McCarron Poultry Ltd hija kkundannata tirrimborsa lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta' EUR 900 662,25 flimkien ma' interessi moratorji bir-rata ta' 2,50 % fis-sena, li jiddekorru mill-1 ta' Diċembru 2010 u sad-data tal-ħlas sħiħ tad-dejn.*

2) *McCarron Poultry hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 212, 7.7.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Mejju 2016 – Ice Mountain Ibiza vs EUIPO – Etyam (ocean beach club ibiza)**

**(Kawża T-753/14)** (1)

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea ocean beach club Ibiza — Trade marks nazzjonali figurattivi u verbali preċedenti ocean drive Ibiza-hotel u OCEAN THE GROUP — Annullament tad-trade mark preċedenti li sservi bħala bażi għad-deċiżjoni kkontestata — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2016/C 243/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ice Mountain Ibiza, SL (San Antonio, Spanja) (rappreżentanti: J. L. Gracia Albero, F. Miazzetto u E. Cebollero González, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Etyam, SL (Ibiza, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-31 ta' Lulju 2014 (Każ R 2293/2013-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Etyam u Ice Mountain Ibiza.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

---

([1]) ĠU C 26, 26.1.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Mejju 2016 – Ice Mountain Ibiza vs EUIPO – Marbella Atlantic Ocean Club (ocean beach club ibiza)**

**(Kawża T-5/15)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva ocean beach club ibiza — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti OC ocean club u OC ocean club Ibiza — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2016/C 243/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ice Mountain Ibiza, SL (San Antonio, Spanja) (rappreżentanti: J. L. Gracia Albero, F. Miazzetto u E. Cebollero González, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Marbella Atlantic Ocean Club, SL (Puerto Banús, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Ottubru 2014 (Każ R 2292/2013-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Marbella Atlantic Ocean Club u Ice Mountain Ibiza.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ice Mountain Ibiza, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 73, 2.3.2015.